MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 82/2006/1

**Vincenza Zammit f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Carmen Muscat mart Anthony Muscat, Mary Galea mart Peter Galea, Anthony Zammit sew proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh Rev. Fr. Patrick Joseph Zammit, ilkoll eredi ta' missierhom Carmelo Zammit**

**Vs**

**Merchants International Limited (C5382)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi huma jikru lill-intimati nomine l-hanut fin-numru tletin (3) Old Theatre Street, Valletta bil-kera ta' mija u tnejn u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm182.50) kull sitt xhur, pagabbli bil-quddiem u bl-ewwel skadenza tavvera ruhha fl-ewwel (1) ta' April 2001;

Illi l-intimati hallew il-hanut maghluq u mhumiex qieghdin juzawh skond kif intrabtu li jaghmlu fil-ftehim tal-lokazzjoni u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom dritt jitolbu r-ripresa tal-istess hanut minhabba ghal non uzu da parti tal-intimati;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pusess tal-hanut numru tletin (30) Old theatre Street, Valletta fi tmiem il-lokazzjoni korrenti, u jaghti lill-intimati nomine zmien perentorju biex jirrilaxxjaw l-istess fond a favur tar-rikorrenti.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni la wiegbet u anqas dehret biex tikkontesta t-talbiet kontra taghha;

Ra ukoll l-affidavits u ritratti esebiti mir-rikorrenti li ikkonfermaw l-fatti minnhom esposti;

Illi ghalhekk ir-rikors jimmerita li jkun milqugh u ai termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap 69, il-Bord jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza r-ripresa tal-fond numru tletin (30) Old theatre Street, Valletta mir-rikorrenti u dan fi zmien tlett gimghat mil-lum wara liema zmien s-socjeta' intimata ghandha tizgombra u thalli liberu u vakant l-istess fond.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------